

Brussell, 15 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5347/26

CLIMA 22
ENV 38
ENER 16
TRANS 15
IND 24
COMPET 44
MI 35
ECOFIN 37
DELECT 3

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Jannar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 40 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'14.1.2026 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/857 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 40 final.

Mehmuż: C(2026) 40 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.1.2026
C(2026) 40 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'14.1.2026

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/857 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-att delegat jemenda d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar ir-Reġistru tal-Unjoni¹ li jirregolaw il-kontabbiltà tat-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR, Effort Sharing Regulation)².

L-ESR jistabbilixxi miri annwali vinkolanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG, greenhouse gases) li jridu jintlaħqu mill-Istati Membri sal-2030. L-ESR jipprovdi lill-Istati Membri b'sett ta' "flessibbiltajiet" biex jgħinhom jilħqu l-miri tagħhom. Soġġett għal kundizzjonijiet u limiti, l-ESR jippermetti lill-Istati Membri jittrasferixxu l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet (AEAs, annual emission allocations) lil Stati Membri oħra, jallokaw mill-ġdid l-AEAs minn sena għal oħra (l-Artikolu 5 tal-ESR), u xi Stati Membri jistgħu jiksbu AEAs addizzjonali minn riżerva ta' sikurezza li se tiġi stabbilita jekk, u sakemm, l-Istati Membri kollettivament jilħqu l-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-UE għall-2030 fis-setturi tal-ESR (l-Artikoli 1 u 11 tal-ESR).

Barra minn hekk, l-Istati Membri jista' jkollhom kwantità limitata ta' assorbimenti netti, koperta mir-Regolament LULUCF³, meqjusa għall-fini tal-konformità mal-limiti annwali tagħhom skont l-ESR, u xi Stati Membri jistgħu jiksbu AEAs addizzjonali permezz tal-hekk imsejħa "flessibbiltà tal-ETS" (billi jikkanċellaw kwantità ta' kwoti tal-EU ETS, maħruġa skont id-Direttiva dwar l-EU ETS⁴, jiksbu kwantità korrispondenti ta' AEAs). Dawn il-flessibbiltajiet huma stabbiliti mill-Artikoli 6 u 7 tal-ESR.

Fl-2023, l-ESR ġie rivedut biex tiżdied il-mira tal-UE għall-2030 (minn -30 % tal-livelli tal-2005, għal -40 % tal-livelli tal-2005) u l-mira tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. L-emendi kienu jinkludu aġġustamenti għar-rekwiżit tal-użu tal-flessibbiltajiet previst fl-ESR.

Sabiex jiġi żgurat l-allinjament mal-ESR rivedut, jeħtieġ li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar ir-Reġistru tal-Unjoni li jikkonċernaw it-tranżazzjonijiet affettwati mill-emendi tal-2023 għall-ESR. Barra minn hekk, l-att delegat jiċċara r-rekwiżiti applikabbli għall-użu tal-flessibbiltà tal-ETS.

Il-bażi legali għall-att delegat hija l-Artikolu 12 tal-ESR, li jirrikjedi li l-Kummissjoni Ewropea tadotta atti delegati biex tiżgura, permezz tar-reġistru tal-Unjoni, li jinżammu kontinwament preċiżi tat-tranżazzjonijiet permessi mill-ESR u li jiġu mblukkatu t-tranżazzjonijiet f'każ ta' irregolaritajiet.

Ir-Regolament dwar ir-Reġistru tal-Unjoni qed jiġi emendat ukoll biex jinkludi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-kontabbiltà tat-tranżazzjonijiet li għandhom jitwettqu skont ir-Regolament dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF, land-use, land-use change and forestry).

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (CCEG, Climate Change Expert Group) tat-13 ta' Diċembru 2024, id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Azzjoni Klimatika (DG CLIMA) ippreżenta l-emendi prospettivi għar-Regolament dwar ir-Reġistru tal-Unjoni. Dawn l-emendi ġew spjegati f'dokument kunċettwali mqassam lis-CCEG fil-15 ta' Diċembru 2023. Fit-12 ta' Marzu 2024, id-DG CLIMA baġhat lis-CCEG l-ewwel abbozz tar-regolament delegat. Wara l-ewwel ċiklu ta' kummenti mill-Istati Membri, id-DG CLIMA pprovda lis-CCEG bit-tieni abbozz fit-8 ta' Mejju 2024, it-tielet abbozz fis-7 ta' Novembru 2024 u r-raba' abbozz fid-9 ta' Diċembru 2024. L-Istati Membri kellhom l-oportunità li

jipprovdu kummenti bil-miktub dwar l-abbozzi differenti. Barra minn hekk, id-DĠ CLIMA ppreżenta l-abbozzi tar-regolament emendatorju għal-laqgħat tas-CCEG tat-13 ta' Marzu tal-2024, tat-2 ta' Mejju 2024, u tal-11 ta' Diċembru 2024. Id-DĠ CLIMA qies il-kummenti u s-suġġerimenti bil-miktub u orali pprovduti mill-membri tal-grupp ta' esperti. Fil-25 ta' April 2025, id-DĠ CLIMA pprova lis-CCEG bil-ħames abbozz , u ppreżentah fil-laqgħa tas-CCEG tal-5 ta' Mejju 2025.

Id-dokumenti għal-laqgħat intbagħtu wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, f'konformità mal-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati anness mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Barra minn hekk, il-feedback dwar it-test tar-regolament delegat inġabar permezz tal-portal tar-Regolamentazzjoni Aħjar għal 4 ġimgħat bejn is-7 ta' April u l-5 ta' Mejju 2025. Il-pubblikazzjoni tat lok għal kontribut wieħed, li ntbagħat mill-Awtorità tal-Enerġija tal-Finlandja. Il-kontribut kien jikkonċerna l-korrezzjoni possibbli ta' żball fl-Artikolu 59s tar-Regolament dwar ir-Reġistru tal-Unjoni u ġie aċċettat.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 6 rivedut tal-ESR jagħti lil xi Stati Membri libertà biex jirrevedu l-kwantità ta' kwoti tal-EU ETS ikkanċellati li beħsiebhom jużaw għall-konformità mal-ESR. Ir-regolament delegat għalhekk jemenda l-Artikoli 59a, 59h(c) u 59k tar-Regolament dwar ir-Reġistru tal-Unjoni (relatati mal-flessibilità tal-ETS u l-AEAs maħluqa permezz tiegħu).

Barra minn hekk, ir-regolament delegat jemenda:

l-Artikoli 59b, 59i, 59j, 59l u 59m biex jiġi żgurat l-allinjament mar-rekwiżiti u l-limiti l-ġodda stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-ESR għat-teħid b'self, it-tfaddil u t-trasferiment tal-AEAs;

l-Artikolu 59k biex jiġu riflessi l-bidliet fir-rekwiżiti għall-użu tal-flessibilità tal-LULUCF stabbilita fl-Artikolu 7 tal-ESR;

l-Artikolu 59h(d) biex jiġu ċċarati r-rekwiżiti applikabbli għall-użu tal-flessibilità tal-ETS, u

l-Artikolu 59n biex ir-riżerva ta' sikurezza tiġi allinjata mal-mira l-ġdida għall-2030 għall-UE.

L-att delegat jikkoreġi wkoll ir-referenza legali żbaljata fl-Artikolu 59s(2) għall-Artikolu 62(4), (6), (7) u (8), u jemenda l-Artikolu 59s sabiex l-Artikoli 34, 35, 55 u 58(4), (6), (7) u (8), japplikaw mutatis mutandis għat-trasferimenti għall-Kontijiet ta' Konformità tal-ESR jew għall-Kontijiet ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, f'diversi dispożizzjonijiet u fl-Anness I, ir-regolament delegat jissostitwixxi "Unitajiet ta' Mitigazzjoni tal-Art", u "LMUs" b'"Unitajiet ta' Assorbiment tal-Art" u "LRUs" rispettivament, u b'hekk it-terminoloġija ssir konformi ma' dik użata fil-Kapitolu tal-LULUCF li jmiss tar-Regolament.

Fl-aħħar nett, l-att delegat jaġġorna r-referenzi legali li r-Regolament dwar ir-Reġistru tal-Unjoni għandu għad-dispożizzjonijiet li ġew emendati fir-reviżjoni tal-2023 tal-ESR.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'14.1.2026

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/857 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122² jistabbilixxi r-regoli għall-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni, stabbilit skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2018/842 jistabbilixxi obbligi għall-Istati Membri fir-rigward tal-kontributi minimi tagħhom lejn il-mira tal-Unjoni għall-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2018/842, ir-Reġistru tal-Unjoni għandu jiżgura l-kontabbiltà preċiża tat-tranżazzjonijiet skont dak ir-Regolament.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2018/842 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2023/857 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ biex tiżdied il-mira tal-Unjoni għall-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (minn tnaqqis ta' 30 % għal tnaqqis ta' 40 % meta mqabbel mal-livelli tal-2005) u biex jiġu aġġustati wħud mir-rekwiżiti

¹ ĠU L 111, 26.4.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/842/2023-05-16>.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1122/oj).

³ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2023/857 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u r-Regolament (UE) 2018/1999 (ĠU L 111, 26.4.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/857/oj>).

applikabbli għall-użu tal-flessibbiltajiet ipprovduti lill-Istati Membri minn dak ir-Regolament.

- (5) Ir-Regolament (UE) 2018/842 jipprovdi lil xi Stati Membri l-possibbiltà li jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fl-2023, bl-intenzjoni tagħhom li jagħmlu użu minn jew ikomplu jużaw kanċellazzjoni limitata ta' kwoti tal-EU ETS għall-fini tal-konformità mal-obbligi tagħhom skont dak ir-regolament ("il-flessibbiltà tal-ETS") u li jirvedu l-intenzjonijiet notifikati tagħhom fl-2024 u fl-2027, mhux biss 'l isfel, kif kien oriġinarjament il-każ, iżda wkoll 'il fuq. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/1122 dwar il-ħolqien ta' allokkazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet (AEAs, annual emission allocations) fil-Kont ta' Kwantità Totali ta' AEAs tal-Anness II tal-UE. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' definizzjoni attwali tat-terminu "emissjonijiet eċċessivi" għall-fini tal-użu mill-Istati Membri tal-flessibbiltà tal-ETS, huwa xieraq li dak it-terminu jiġi sostitwit bil-formula li għandha tintuża fid-determinazzjoni ta' jekk, u sa liema punt, Stat Membru jista' juża l-flessibbiltà tal-ETS biex jiżgura l-konformità f'sena partikolari.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2018/842 jirrikjedi li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima qabel ma jittrasferixxu l-AEAs lil Stati Membri oħra. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu riflessi l-emendi għall-kundizzjonijiet rigward it-trasferibbiltà tal-AEAs.
- (7) Għaċ-ċarezza u l-konsistenza fil-kapitoli differenti tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122, huwa xieraq li t-terminu "unitajiet ta' mitigazzjoni tal-art" u l-abbrevjazzjoni tiegħu "LMUs" jiġu sostitwiti b'"unitajiet ta' assorbiment tal-art" u "LRUs", rispettivament.
- (8) Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2018/842 ġie emendat fir-rigward tal-limiti massimi fuq is-self u t-tfaddil tal-AEAs, dwar it-trasferimenti *ex ante* tal-AEAs lil Stati Membri oħra u dwar l-użu tal-assorbimenti netti mis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija ("LULUCF", land use, land use change and forestry). Għalhekk, jeħtieġ li daww il-bidliet jiġu riflessi fir-Regolament Delegat (UE) 2019/1122.
- (9) L-istabbiliment tar-riżerva ta' sikurezza huwa soġġett għall-ilħuq tal-mira tal-Unjoni għall-2030 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-setturi koperti mir-Regolament (UE) 2018/842. Għalhekk, il-mira l-ġdida tal-Unjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra koperta mir-Regolament (UE) 2018/842 jenħtieġ li tiġi riflessa fir-rekwiżiti għall-ħolqien ta' AEAs fil-Kont ta' Riżerva tas-Sikurezza tal-ESR tal-UE.
- (10) It-treġġiġiħ lura tat-trasferimenti għall-Kontijiet ta' Konformità tal-ESR jew għall-Kontijiet ta' Konformità tal-LULUCF tal-Istati Membri jenħtieġ li jitwettaq taħt l-istess kundizzjonijiet, bl-adattamenti xierqa, li huma applikabbli għat-treġġiġiħ lura tal-allokkazzjoni tal-kwoti ġenerali, jew tal-kwoti tal-avjazzjoni, mibdija b'mod mhux intenzjonat jew żbaljat minn amministratur nazzjonali. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi kkoreġuta r-referenza legali żbaljata fl-Artikolu 59s(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 għall-Artikolu 62(4), (6), (7) u (8) ta' dak ir-Regolament.
- (11) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 jiġi emendat u kkoreġut skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 huwa emendat u kkoregħut kif ġej:

- (1) l-Artikolu 59 a huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Fil-bidu tal-perjodu ta' konformità, l-amministratur ċentrali għandu johlqoq fil-Kont ta' Kwantità Totali ta' AEAs tal-ESR tal-UE, kwantità ta' AEAs ugwali għas-somma tal-allokkazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għall-Istati Membri kollha għas-snin kollha tal-perjodu ta' konformità kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2018/842 u fid-Deċiżjonijiet adottati skont l-Artikolu 4(3), u l-Artikolu 10, tar-Regolament (UE) 2018/842.”;
 - (b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. L-amministratur ċentrali għandu johlqoq fil-Kont ta' Kwantità Totali ta' AEAs tal-Anness II tal-UE, kwantità ta' AEAs ugwali għas-somma tal-allokkazzjonijiet ta' emissjonijiet annwali kollha għall-Istati Membri eliġibbli kollha għas-snin kollha tal-perjodu ta' konformità kif stabbilit fid-Deċiżjonijiet adottati skont l-Artikolu 4(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2018/842 abbażi tal-perċentwali nnotifikati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 6(3), (3a) u (3b) ta' dak ir-Regolament.”;
- (2) l-Artikolu 59b huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 59b

Unitajiet ta' allokkazzjoni ta' emissjonijiet annwali

L-AEAs għandhom ikunu validi għall-fini li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' limitazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/842 u l-impenji u l-miri tagħhom skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841. Għandhom ikunu trasferibbli biss skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1) sa (5a), l-Artikolu 6, l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 11, tar-Regolament (UE) 2018/842, u l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2018/841.”;
- (3) fl-Artikolu 59f(1) u (2), l-abbrevjazzjoni “LMUs” hija sostitwita b’“LRUs”;
- (4) fl-Artikolu 59h, il-punti (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:
 - (c) l-ammont mitlub jaqbeż il-bilanċ totali li jifdal tal-ammont tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/842 disponibbli għal dak l-Istat Membru kif stabbilit fid-Deċiżjonijiet adottati skont l-Artikolu 4(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2018/842, filwaqt li titqies kwalunkwe reviżjoni tal-ammont skont l-Artikolu 6(3), it-tieni subparagrafu, ta' dak ir-Regolament, u filwaqt li titqies kwalunkwe notifika mibgħuta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 6(3a) u (3b) ta' dak ir-Regolament;
 - (d) l-ammont mitlub jaqbeż il-kwantità tal-emissjonijiet għas-sena partikolari flimkien mal-kwantità ta' AEAs trasferiti mill-Kont ta' Konformità tal-ESR tal-Istat Membru għal dik is-sena partikolari għall-Kont ta' Konformità tal-LULUCF tiegħu skont l-Artikolu 59x(3), 59x(4) jew 59ad(2) ta' dan ir-Regolament, bit-tnaqqis tal-kwantità ta' AEAs għal dik is-sena partikolari kif stabbilit fid-Deċiżjonijiet adottati skont l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/842”;
- (5) fl-Artikolu 59i, il-punt (b), il-perċentwal “10” huwa sostitwit b’“7,5”;

- (6) Artikolu 59j huwa emendat kif ġej:
- (a) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“(b) fir-rigward tas-sena 2021, l-ammont mitlub jaqbeż il-bilanċ pożittiv tal-kont kif ikkalkulat skont l-Artikolu 59e jew 75 % tal-allokkazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet ta' dak l-Istat Membru fl-2021, kif iddeterminat skont l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/842;”;
 - (b) fil-punt (c), il-perċentwal “30 %” huwa sostitwit b’“25 %”;
- (7) l-Artikolu 59k huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 59k

L-Użu ta' Unitajiet ta' Assorbiment tal-Art (“LRUs”, Land Removal Units)

L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba ta' Stat Membru, ir-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment ta' LRUs mill-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' dak l-Istat Membru għall-Kont ta' Konformità tal-ESR ta' dak l-Istat Membru. Tali trasferiment ma għandu jitwettaq fl-ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:

- (a) l-ammont mitlub jaqbeż il-kwantità disponibbli ta' LRUs eliġibbli għal trasferiment fil-Kont ta' Konformità tal-ESR skont l-Artikolu 59x(1) jew l-ammont li jifdal;
- (b) it-talba tikkonċerna trasferiment:
 - (i) għal Kont ta' Konformità tal-ESR ta' sena fil-perjodu 2021 sa 2025 u l-ammont mitlub jaqbeż nofs l-ammont massimu ta' assorbimenti netti totali stabbilit fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/842, jew l-ammont li jifdal fil-perjodu 2021 sa 2025;
 - (ii) għal Kont ta' Konformità tal-ESR ta' sena fil-perjodu 2026 sa 2030 u l-ammont mitlub jaqbeż nofs l-ammont massimu ta' assorbimenti netti totali stabbilit fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/842, jew l-ammont li jifdal fil-perjodu 2026 sa 2030;
- (c) l-ammont mitlub jaqbeż il-kwantità ta' emissjonijiet għas-sena partikolari wara li titnaqqas il-kwantità ta' AEAs għas-sena partikolari kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2018/842 u d-Deċiżjonijiet adottati skont l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament, u wara li jitnaqqas it-total tal-AEAs kollha mfaddlin mis-snin preċedenti għas-sena kurrenti jew kwalunkwe sena sussegwenti skont l-Artikolu 59j ta' dan ir-Regolament;
- (d) dak l-Istat Membru ma jkunx irrapporta dwar l-intenzjoni tiegħu li jagħmel użu mill-flessibilità stabbilita fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/842, kif meħtieġ fil-punt (n)(iii) tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999*;
- (e) dak l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma mar-Regolament (UE) 2018/841;
- (f) it-talba tal-Istat Membru tiġi sottomessa qabel il-kalkolu tal-bilanċ tal-Kont ta' Konformità ta' LULUCF ta' dak l-Istat Membru jew wara d-determinazzjoni tal-figura tal-istatus ta' konformità għall-perjodu ta' konformità partikolari skont l-Artikoli 59u u 59ad;
- (g) it-talba tal-Istat Membru tiġi sottomessa wara li jkunu għaddew tliet xhur mill-kalkolu tal-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-LULUCF ta' dak l-Istat Membru għall-perjodu partikolari;

(h) it-talba tal-Istat Membru tiġi sottomessa qabel il-kalkolu tal-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-ESR ta' dak l-Istat Membru jew wara d-determinazzjoni tal-figura tal-istatus ta' konformità għas-sena partikolari.”

* Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj>).”;

(8) l-Artikolu 59l huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-punt (a), it-terminu “ħamsa fil-mija” huwa sostitwit b’“10 fil-mija”;
- (b) fil-punt (b), it-terminu “għaxra fil-mija” huwa sostitwit bi “15 fil-mija”;
- (c) jiżdied il-punt (e) li ġej:

“(e) l-Istat Membru ma jkunx informa lill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit bir-Regolament (UE) 2018/1999 bl-intenzjoni tiegħu li jittrasferixxi parti mill-allokkazzjoni tal-emissjonijiet annwali tiegħu għal kwalunkwe sena partikolari, kif meħtieġ mill-Artikolu 5(5a) tar-Regolament (UE) 2018/842.”;

(9) fl-Artikolu 59m, jiżdied il-punt (d) li ġej:

“(d) l-Istat Membru ma jkunx informa lill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit bir-Regolament (UE) 2018/1999 bl-intenzjoni tiegħu li jittrasferixxi parti mill-allokkazzjoni tal-emissjonijiet annwali tiegħu għal kwalunkwe sena partikolari, kif meħtieġ mill-Artikolu 5(5a) tar-Regolament (UE) 2018/842.”;

(10) fl-Artikolu 59n, il-perċentwal “70 %” huwa sostitwit b’“60 %”;

(11) fl-Artikolu 59o(1), il-punt (g)(v), l-abbrevjazzjoni “LMUs” hija sostitwita b’“LRUs”;

(12) fl-Artikolu 59q, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“4. Meta Stat Membru jinnotifika bidla 'l fuq tal-perċentwal skont l-Artikolu 6(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2018/842 u wara l-emenda korrispondenti tal-ammonti speċifikati fid-Deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/842, l-amministratur ċentrali għandu joħloq il-kwantità korrispondenti ta' AEAs fil-Kont ta' Kwantità Totali ta' AEAs tal-Anness II tal-UE.”;

(13) l-Artikolu 59s, huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 59s

1. Għat-trasferimenti kollha speċifikati f'dan it-Titolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 34, 35 u 55 mutatis mutandis.

2. It-trasferimenti għall-kontijiet ta' Konformità tal-ESR jew għall-Kontijiet ta' Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru mibdija bi żball jistgħu jitreggħu lura fuq talba tal-amministratur nazzjonali.”.

(14) fl-Anness I, it-Tabella I-II (“Kontijiet għall-fini ta' tranżazzjonijiet kontabilistiċi skont it-Titolu IIA”), l-ewwel ringiela, l-abbrevjazzjoni “LMU” hija sostitwita b’“LRU”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14.1.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN